MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2003

Numru 581/2003

**Il-Pulizija**
**Spettur Joseph Agius**
**V**

**JOSEPH FREDERICK VINCENT CALLUS**

**Seduta ta' llum 13 ta' Ottubru 2003**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **JOSEPH FREDERICK VINCENT CALLUS** bin Alfred u Catherine nee Mifsud, imwieled Salford l-Ingilterra nhar t-tlettax ta' Mejju 1965 u residenti 26, Triq il_Mithna, Zejtun, detentur ta’ karta tal-identita` numru 0318083M gie mressaq quddiemha akkuzat talli fiz-Zejtun fis-sittax ta' Lulju 2002 u fiz-zmien ta' qabel, bhala proprjetarju tal-fond numru 26, Triq il-Mithna, Zejtun, u bhala l-persuna responsabbli gha meter tal-elettriku fl-imsemmi fond, b'mezzi qarrieqa li bihom

wiehed jista jwaqqaf jew ibiddel l-kejl jew mmarkar fil-meter tal-kwalita mehuda jew ikkunsmata fil-fond hawn fuq imsemmi u b'hekk ikkommettew serq ta' dawl ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta liema serq huwa aggravat bil-mezz, valur u hin.

Talli fl-istess zminijiet u cirkostanzi ghamel hsara voluntarja fl-istess meter tad-dawl ghad-dannu tal-istess Korporazzjoni.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tapplika l-provvediment tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-istatement rilaxxjat mill-imputat stess nhar s-sbatax ta' Lulju 2002 markat bhala dokument CSH 5 esibit fl-atti kif wkoll l-kunsens tal-Avukat Generali datat erbatax ta' Lulju 2003 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat il-process verbal redatt mill-Magistrat Dottor Antonio Mizzi nhar l-wiehed u ghoxrin ta' Awissu 2002 esibit fl-atti.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar t-tlettax ta' Ottubru 2003, u cioe fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront tal-imputat u meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li qed issbu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Semghet lil Silvio Decelis ghan-nom tal-Korporazzjoni Enemalta jghid li llum il-gurnata l-imputat hallas d-debitu tieghu mal-Korporazzjoni Enemalta ghas-saldu.

Rat l-fedina penali tal-imputat li hija wahda indellibbli bla ebda tebgha fuqha.

**Illi ghalhekk il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe Artikoli 261, 263, 267, 270, 326(f) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li qed ssib lil imputat JOSEPH FREDERICK VINCENT CALLUS hati tal-akkuzi kif addebitati lilu fuq ammissjoni tieghu stess u tiddecidi li tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghal perjodu ta' sena ai termini tal-artikolu 22(1) tal-Kap 466 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------